**5 ta' Ottubru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Damian Cachia *et*

*versus*

Maria Baldacchino *et*

**Beni Mobbli – Ko-proprjetà – Fdalijiet Umani – Dfin**

*Meta l-mejjet ma jkunx iddispona fit-testment dwar id-dfin tiegħu, il-post tad-dfin għandu jintgħażel minn dawk li huma l-eqreb tal-mejjet fid-demm, skond l-ordni tal-wirt intestat.*

*Iżda jekk il-post tad-dfin ikun diġà ntgħażel bi ftehim unanimi ta' l-eqreb fid-demm, dan il-ftehim ma għandux ikun disturbat jekk mhux bil-ftehim unanimi ta' l-istess qraba jew inkella għal xi raġuni straordinarja fl-interess pubbliku.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Peress li Carmela Cachia, mart l-attur Damian, u omm il-kontendenti kollha mietet fit-13 ta' Awissu 1974 u l-ġisem tagħha, wara żmien li kien midfun f'qabar ta' qraba, ġie ttrasferit fil-qabar tal-konvenuti Maria u Taddeo Baldacchino;

U peress li l-attur Damian Cachia (żewġ il-mejta) xtara qabar ġdid għalih u għal uliedu fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata u jrid li l-ġisem ta' martu jiġi mill-ġdid ittrasportat f'dan il-qabar;

U peress li l-atturi kollha jaqblu ma' dan il-ħsieb ħlief il-konvenuta Maria Baldacchino li ma tridx tagħti l-kunsens tagħha u ta' żewġha għalbiex isir dan it-traslok mill-qabar tagħha għall-qabar tal-familja Cachia;

U peress li, f'każ simili, għandha tipprevali l-fehma tal-maġġoranza ta' ulied il-mejta u aktar u aktar dik ta' l-istess konsorti tagħha;

Talbu li dik il-Qorti tilqa' l-fehma tal-maġġoranza ta' l-ulied u ta' l-armel tal-mejta Carmela Cachia u tordna u tawtorizza t-traslok u t-trasferiment, skond ir-regoli viġenti, tal-ġisem ta' l-istess Carmela Cachia mill-qabar fejn jinsab illum għal qabar ġdid tal-familja Cachia fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata, Pawla;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nklużi dawk ta' l-ittri interpellatorji tas-17 ta' Ġunju u 12 ta' Lulju 1985;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti fejn eċċipew (1) illi l-kawża nieqsa mill-interess bħala mezz biex l-aħwa jivventilaw x'jaħsbu fuq xulxin fil-Qorti bl-udjenza ta' Imħallef u pubbliku; (2) illi l-kawża m'hi bbażata fuq ebda liġi, billi l-fdalijiet ta' Carmela Cachia m'humiex komproprjetà ta' żewġha u uliedha u ebda liġi ma tipprevali serje ta' exumazzjonijiet *(sic)* u dfin fuq sempliċi xewqat kapriċċjużi (u *del resto* varjabbli) ta' xi membri tal-familja;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fid-9 ta' Ġunju 1986 li biha dik il-Qorti laqgħet it-talba attriċi kif dedotta fiċ-ċitazzjoni b'dan però li, in vista tal-fatti fuq imsemmija, il-kap ta' l-ispejjeż għandu jiġi ssopportat kwantu għal terz (⅓) mill-attriċi u żewġ terzi (⅔) mill-konvenuti wara li kkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal din il-kawża fil-qosor kienu dawn:

(1) Illi mietet Carmela Cachia neè Baldacchino, mart Damian Cachia, attur, u omm il-kontendenti u ġiet midfuna f'qabar taz-zija tal-kontendenti. Uliedha, fosthom il-konvenuta bintha, ma kinux kuntenti għal kollox b'dan il-fatt. Il-konvenuta xtrat qabar flimkien ma' żewġha u l-fdalijiet ta' l-omm ġew

trazlati f'dan il-qabar mixtri mill-konvenuti. Ma jidhirx li kien *hemm xi diverġenzi dwar dan. Sussegwentement*, Damian Cachia l-attur, akkwista a *sua volta* qabar u esprima x-xewqa, xewqa li ġiet kondiviża minn uliedu kollha tranne l-konvenuta, li l-fdalijiet ta' martu jitqegħdu fil-qabar tiegħu sabiex b'dan il-mod meta eventwalment jiġi nieqes hu u warajh uliedu lkoll jindifnu f'qabar wieħed tal-familja. Avviċinaw għalhekk lill-Awtoritajiet Ċivili addetti għall-amministrazzjoni taċ-ċimiterju (ara x-xiehda mogħtija mir-*"Reġistrar of Burials"*, is-Sur Alex Pampanella tas-7 ta' Frar, 1986) li qalilhom li kienet tinħtieġ l-awtorizzazzjoni u permess tas-sid tal-qabar fejn ikunu midfunin il-fdalijiet. Il-konvenuti oġġezzjonaw. Il-konvenuta ssottomettiet *li una volta* li dak li sar kien bil-kunsens ta' l-oħrajn u *stante* wkoll li hija daħlet fi spiża għax-xiri ta' qabar allura kellha raġun topponi għax-xewqa tal-parti *l-oħra*;

Is-Sur Pampanella xehed hekk:

"F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-qraba jew l-eredi, skond il-każ, allura noqogħdu u nistrieħu fuq id-deċiżjoni tal-Qorti, ma niħdux *deċiżjoni* aħna";

Waqt l-ewwel udjenza meta l-Qorti bdiet *tisma' oralment id-difensuri* tal-partijiet – u dan ukoll fi sforz min-naħa tagħha biex possibilment tressaq liż-żewġ naħat lejn xulxin u jintlaħaq ftehim – intwera bħal dubju mill-konvenuti kemm tassew il-*missier* kien realment edott bil-kontenut u talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni. Tali dubju ġie risolut bix-xiehda ta' l-attur stess mogħtija quddiem Imħallef *Supplenti* fejn qal kategorikament (ara *ri-eżami*) li x-xewqa tiegħu (illum l-attur għandu tmenin sena) hija li martu tindifen fil-qabar il-ġdid;

Mis-suespost jidher li qajla jista' jingħad li l-atturi m'għandhomx interess f'din il-kawża. Mhux talli m'hemmx tali karenza ta' interess iżda bil-maqlub hemm ix-xewqa tal-maġġoranza tal-partijiet involuti (interess ta' fatt) li jridu li ssir tali trażlazzjoni u hemm ukoll il-ħtieġa ta' deċiżjoni minn din il-Qorti fin-nuqqas ta' *consensus* bejn il-partijiet kollha, kif xehed is-Sur Pampanella (u kwindi interess legali);

L-abili patroċinant tal-konvenuti mbagħad sostna li f'kull każ l-għadam u fdalijiet ta' persuna mejta ma humiex oġġetti ta' proprjetà. Il-Qorti ma taqbilx ma' din l-asserzjoni. Tassew li hawn ninsabu fil-limitrofi, forsi, ta' dawk l-oġġetti li jistgħu jiġu inklużi taħt "il-beni" imma l-liġi tipprovdi wkoll dwar dan. Bil-maqlub għalhekk ta' dak li jaħsbu xi wħud li l-liġi hija improvvida, insibu li meta wieħed jagħmel sew il-liġijiet tal-pajjiż isib kemm dan m'huwiex fondat. *Del resto,* kif kiteb darba il-poeta Byron (ara *Vision of Judgement);*

*"Law would clip an angel's wing";*

*Di diritto* jingħad li skond il-Kodiċi Ċivili tagħna (ara art. 344 illum art. 307), il-ħwejjeġ kollha li jistgħu jkunu l-oġġett ta' proprjetà pubblika jew privata, huma beni mobbli jew immobbli. Issa skond id-definizzjoni ta' beni mobbli (ara artikolu 349 illum art. 312), il-ħwejjeġ kollha, bil-ħajja jew bla ħajja, illi mingħajr ma titbiddel is-sustanza tagħhom jistgħu jmorru waħedhom **jew jinġarru minn banda għal oħra huma mobbli minnhom infushom** ..... (sottolinejar tal-Qorti)..... Fil-kelmiet 'beni jew ħwejjeġ mobbli "oġġetti mobbli" jew "sustanzi mobbli", użati fil-liġi jew f'disposizzjonijiet tal-bniedem jidħlu sew il-ħwjjeġ mobbli minnhom infishom, hemm ukoll dawk li in ġenerali huma magħduda mobbli għaliex hekk tqishom il-liġi

(ara wkoll artikolu 353 u 354). L-anqas jista' jingħad, kif issottomettew il-konvenuti, li fdalijiet umani huma bla valur u *extra commercium*. A parti l-każ in deżamina hawn fdalijiet konsistenti f'għadam ta' bniedem li għalkemm mejta żmien ilu huwa jew oġġett ta' qima jew inkella imfittxija għal raġunijiet ta' storja u antropoloġija. Hekk, ngħidu aħna, xi snin ilu ġiet misjuba nieqsa ras ta' skeletru mill-Mużew ta' Għar Dalam li jinsab f'Birżebbuġa li tmur lura għal żminijiet bikrin tal-preistorja – u f'liema każ il-valur tagħha huwa meqjus bħala wieħed kbir ħafna anki f'termini pekunarji għaliex rari u mfittxija minn kollezzjonisti;

X'inhija l-posizzjoni meta ma jkunx hemm ftehim bejn il-komproprjetarji. Il-materja hi rregolata bl-artikolu 531(2) (illum art. 494) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula li l-Qorti tilqa' l-fehma tal-maġġoranza billi tieħu b'qies il-għadd kollu tal-komproprjetarji iżda dan kemm-il darba dawk li ma jkunux jaqblu ma jurux li b'hekk huma jbatu ħsara;

Ma jistax jingħad li l-konvenuti ser ibatu ħsara l-għaliex il-qabar li xtraw jibqagħlu dejjem kemm valur kif ukoll użu. Il-Qorti tifhem li kif żvolġew ruħhom iċ-ċirkostanzi, il-konvenuti forsi setgħu nkorrew spejjeż qabel iż-żmien u tifhem ukoll li l-ħsieb oriġinali tagħhom kien wieħed tajjeb u kondiviż minn almenu xi wħud mill-aħwa. Dan għandu jittieħed in konsiderazzjoni wkoll fir-rigward tal-kap ta' l-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuta et ippreżentata fis-16 ta' Ġunju 1986;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti ppreżentata fis-27 ta' Ġunju 1986, li biha għar-raġunijiet hemm esposti talbu li

s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi tiġi rrevokata u jiġu rriġettati d-domandi attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Rat ir-risposta ta' l-atturi appellati pprezentata fis-7 ta' Lulju 1986;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell jistgħu jiġu kkompendjati b'dan il-mod. Fit-13 ta' Awissu 1974 mietet Carmela Cachia mart l-attur Damian Cachia u ndifnet f'qabar ta' Geraldo Cachia (ziju tal-kontendenti ħlief ta' Damian Cachia) għal xi żmien. Fil-15 ta' April 1977 il-fdalijiet tagħha ġew ittrasportati f'qabar ieħor li kien jappartjeni lill-konvenuta Maria Baldacchino. Skond dina, dana kien sar bi qbil ma' ħutha l-atturi. Damian Cachia fid-deposizzjoni tiegħu tat-3 ta' Marzu 1986 jaċċetta li kien kuntent li jsir dan. L-istess qabar kien inxtara mill-imsemmija konvenuta, kif issostni hi, minħabba f'ommha. In segwitu l-attur xtara qabar għalih u esprima x-xewqa li martu tindifen miegħu f'dan il-qabar. Damian Cachia stess miet fil-25 ta' Diċembru 1986 u qegħdin jissoktaw jagħmlu l-kawża preżenti minfloku uliedu l-atturi, f'liema kawża qegħdin jitolbu t-trasferiment tal-fdalijiet ta' ommhom għall-imsemmi qabar ġdid billi din hija l-fehma tal-maġġoranza;

Ikkunsidrat:

Fil-kawża **Portelli vs Portelli**, Prim'Awla, Qorti Ċivili, 26 ta' Frar 1896 (Kollez. Dec. Vol. XV, paġna 406, Imħallef Giovanni Pullicino) ġie osservat: *"Che la prescrizione del diritto Canonico, in riguardo alla sepoltura, furono modificate collo stabilimento di un pubblico cimitero fuori della città fortificate e fuori dei limiti parrochiali di tali città e col divieto di seppellire cadaveri, entro gli stessi a norma dell'Ord.n.II del 1869: di giusa che la materia delle sepolture divenne presso noi un istituto di ragione mista, cioè religiosa e civile, regolabile a tenore delle leggi ecclesiastici e civili, secondo che una data controversia si riferisca ad un oggetto spirituale o temporale"*, u illi: *"che non può cadere dubbio che una contraversia riguardo il luogo del seppellimento di un cadavere, entro il recinto del pubblico cimitero, sia di natura meramente civile e temporale, e quindi regolabile a tenore del diritto comune, a cui è uopo ricorrere in difetto di espressa disposizione della legge locale"*; Il-Qorti wkoll f'dik il-kawża aċċettat il-prinċipju li meta t-testatur ma jiddisponi xejn a rigward is-sepoltura tiegħu, wieħed għandu jirrikorri għall-preżunta volontà tiegħu deżunta mill-kontest tat-testment u, fin-nuqqas ta' testment, *"devesi consultare l'ordine delle affezioni naturali, che è la base razionale della successione legittima (Vedi sentenza della Corte d'Appello di Napoli del 20 dicembru 1894 nella causa Gaudioso Ferraro, Giuris: Ital. Vol. XXVII, del 1875, parte I, sezione II col. 103)"*;

Issa fil-każ preżenti ma ssemma bl-ebda mod li Carmela Cachia kienet għamlet xi testment u għalhekk *jista'* jidher għall-ewwel li, skond l-enunċjament fuq imsemmi, din il-Qorti għandha tapplika l-prinċipju li fin-nuqqas ta' testment *"devesi consultare l'ordine delle affezioni naturali"*;

Hemm però f'dan il-każ ċirkostanza speċjali li l-Qorti

għandha wkoll tikkunsidra. Carmela Cachia, wara l-mewt tagħha fit-13 ta' Awissu 1974 kienet ġiet midfuna għal xi żmien f'qabar u in segwitu, skond ix-xhud Pampanella, fil-15 ta' April 1977 il-fdalijiet tagħha kienu ġew trasportati fil-qabar mixtri minn bintha l-konvenuta Maria Baldacchino, u dana bil-kunsens unanimu ta' dawk l-eqreb tagħha, ċjoè uliedha u żewġha;

Il-każ preżenti għalhekk m'huwiex il-każ ta' min għandu d-dritt li jagħżel il-post ta' sepoltura imma l-każ ta' tibdil ta' post ta' sepoltura li jkun diġà ġie magħżul. Fi kliem ieħor, fil-każ preżenti l-post ta' sepoltura diġà ġie magħżul minn dawk li kellhom id-dritt li jagħżluh skond il-prinċipju fuq enunċjat iżda issa l-atturi qegħdin jippretendu li jbiddlu dak il-post ġà magħżul minnhom flimkien mal-konvenuta;

Għal din l-ipotesi, fil-fehma tal-Qorti, għandhom japplikaw prinċipji ben diversi. Jekk il-post ta' sepoltura jkun diġà ġie magħżul bil-ftehim għandu jiġi disturbat jekk mhux bil-ftehim unanimi tagħhom jew inkella għal xi raġuni straordinarja fl-interess pubbliku, bħal ma tkun raġuni ta' iġjeni pubblika li mhux il-każ preżenti;

Jista' jingħad f'dan ir-rigward li l-Qrati Taljani (Ara Coen, *Repertorio Generale di Giurisprudenza, Volume Quinto,* paġna 211, paras 11 u 12 taħt il-*voce Sepolcro e Sepoltura),* wara li stabbilew il-prinċipju illi *"in mancanza di erede del sangue e nel silenzio del defunto, l'erede testamentario ha diritto di scegliere la sepoltura per la salma del suo autore, ed ha azione per reclamare la salma stessa se deposta in altro sepolcreto"* – *Torino, 5 Maggio 1890, Bestante – Artuffo (Foro Ital. 15.1.912; Giurisp. T.27, 341; Dir.It.1,300): Tribunale Torino, 10 dicembru 1889, stesse parti (Giurisp. T.27,214)* – komplew

jgħidu hekk: "*Siffatto diritto verrebbe meno solo quando l'erede lo avesse esercitato completamente, consentendo che le spoglie venissero deposte definittivamente e con animo di perpetuità nel sepolcreto dell'affine: allora non gli sarebbe più lecito di turbare, dopo molti anni, la pace del sepolcro e violare l'accordo contrattuale, per reclamare la spoglie e depositarle in altra tomba*";

Ikkunsidrat:

L-ewwel Qorti applikat l-artikoilu 531, illum l-artikolu 494, tal-Kodiċi Ċivili li jinsab taħt it-Titolu "Fuq il-Komunjoni tal-Beni", Subtitolu I intitolat "Fuq in-natura tal-Komunjoni tal-Beni u l-jeddijiet tal-komproprjetarji ma' tul il-komunjoni". Dan l-artikolu jiddisponi li: (1) Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji, il-Qorti tagħti l-provvedimenti meħtieġa sabiex tiġi amministrata u gawduta aħjar il-ħaġa in komun u tista' taħtar amministratur, ukoll minn fost il-komproprjetarji nfishom u (2) Il-Qorti tilqa' l-fehma tal-maġġoranza billi tieħu b'qies il-għadd kollu tal-komproprjetarji iżda dan kemm-il darba dawk li ma jkunux jaqblu ma jurux li b'hekk huma jbatu ħsara";

Il-Qorti, bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, ma tarax li dan l-artikolu jista' jiġi applikat fil-każ preżenti. Minn eżami akkurat tiegħu jidher li qiegħed jirriferixxi għall-amministrazzjoni u tgawdija ta' ħaġa in komuni, u għall-ħatra ta' amministratur tal-ħaġa in komun. Dawn il-konċetti ta' tgawdija u amministrazzjoni evidentement ma japplikawx għas-salma ta' persuna mejta jew għat-trasferiment tagħha minn post ta' sepoltura għall-post ta' sepoltura ieħor. Mhux konċepibbli li jkun hemm l-amministrazzjoni u tgawdija tas-salma ta' persuna mejta li, fil-kliem tar-*Ricci, Diritto Civile, Volume II,* paġna 92 hija

*"una cosa speciale che dal rispetto universale deve essere circondata, una cosa sacra che non può formare oggetto di proprietà";*

Ikkunsidrat:

Fl-aħħarnett tal-petizzjoni tagħhom il-konvenuti appellanti ssollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni akkwiżittiva. Jidher ċar li din l-eċċezzjoni hija insostenibbli. Biżżejjed li jingħad li l-liġi espressament tiddisponi (art. 2114, Kap. 16) li ma hemmx preskrizzjoni dwar ħwejjeġ li huma *extra commercium*, u ma hemmx dubju li s-salma ta' Carmela Cachia hija *extra commercium;*

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi (1) tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni akkwiżittiva ssollevata mill-konvenuti appellanti bl-ispejjeż kontra tagħhom u (2) tilqa' fil-mertu l-appell tal-konvenuti appellanti, tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tiċħad it-talbiet ta' l-atturi. Fiċ-ċirkostanzi stante n-novità tal-każ l-ispejjeż sija ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, għandhom jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-kontendenti.